MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 77/2010

**Malcolm Mifsud**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-7 ta’ Ottubru 2010 ir-rikorrent talab ir-revoka tas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta’ Ottubru 2010 fil-kaz **Il-Pulizija vs omissis Malcolm Mifsud**, u sabiex jinghataw id-direttivi biex jigu mharrsa d-drittijiet fundamentali tieghu. L-ilment tar-rikorrent hu li fil-proceduri fuq imsemmija kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali ta’ serq ta’ senter tal-kacca, cinturin mimli skratac u affarijiet ohra, liema serq kien aggravat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u valur ta’ iktar minn elf lira Maltija, meta l-ewwel qorti kienet illiberatu fuq din l-imputazzjoni u ma kienx sar appell mill-Avukat Generali. Ghalhekk fl-istadju tal-appell

is-sentenza tal-ewwel qorti dwar l-akkuza ta' serq kienet torbot ghaliex ma sarx appell mill-Avukat Generali. Ir-rikorrent isostni li s-sejbien ta' htija dwar tal-ewwel imputazzjoni fl-istadju ta' appell, tilledi d-dritt fundamentali kif protetti mill-Artikolu 39 u 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-Artikolou 34 tal-Kostituzzjoni u Artiklu 5 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent jilmenta li waqt l-appell qatt ma kellu l-opportunita li jittratta l-imputazzjoni ta' serq, u dan minhabba li ma kienx sar appell minn dik il-parti tas-sentenza.

L-intimat wiegeb li:

1. Hemm kawza ohra identika numru 69/2010JZM fl-ismijiet Luke Farrugia vs L-Avukat Generali. Talab ghalhekk li jkun hemm konnessjoni tal-kawzi.
2. Ir-rikors hu frivolu u vessatorju u li ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali.
3. Il-qorti kienet korretta meta ghalkemm ma kienx hemm appell dwar l-ewwel akkuza ta' serq, b'applikazzjoni tal-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali sabet lir-rikorrent hati ta' dik l-akkuza. Inoltre l-piena ma zdieditx minn dik li moghtija mill-ewwel qorti.
4. Ghandhom jigu allegati l-atti tal-proceduri kriminali.
5. Id-dritt ta' smiegh xieraq ma japplikax ghall-fatti ta' dan il-kaz peress li dan hu dritt ta' natura procedurali. F'kull kaz wiehed irid jara l-process kriminali fit-totalita tieghu meta jigi biex jiddeciedi jekk ir-rikorrent kellux smiegh xieraq.
6. Ma japplikax il-principju ta' ne bis in idem.
7. Ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tal-liberta tar-rikorrent.
8. Ir-rimedju f'kawzi ta' din ix-xorta jista' jkun wiehed dikjaratorju biss.

Kaz identiku ghal dan gie diga' trattat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Luke Farrugia vs l-Avukat Generali** (Rikors 69/2010) deciza fit-12 ta' Lulju 2011, u l-qorti rat l-atti ta' din il-kawza. Fil-fatt Luke Farrugia u r-rikorrent kienu ko-akkuzati. Fil-parti dispozittiva l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li:-

*"is-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell Kriminali gew lezi id-drittijiet sanciti bl-Artikolu 34 u 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 5 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u 4 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni*

*(3) tiddikjara minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta‘ Ottubru 2010 fl-ismijiet il-Pulizija (Spt Geoffrey Azzopardi) vs omissis Malcolm Mifsud et biss f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament ghas-serq ta‘ senter, cinturin u mwies (4) tiddikjara li s-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tkompli jkollha effett fil-bqija b’dan li l-perjodu ta‘ sentejn prigunerija kkonfermat b’dik is-sentenza bhala piena fil-konfront tal-appellant ghandu jitnaqqas ghall-perjodu ta‘ sena prigunerija.“*.

Gialadarba l-kawza ta‘ Farrugia saret gudikat, l-ewwel eccezzjoni giet ezawrita u ghalhekk il-qorti m’hijiex ser tiehu konjizzjoni taghha.

F’din il-kawza fis-seduta tal-10 ta‘ Jannar 2011 id-difensuri ddikjaraw: *“illi r-rikors msemmi fl-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali ghandu jinstema’ fit-13 ta’ Jannar 2011 u talbu illi din il-kawza tistenna sakemm jkun hemm decizjoni fuq dak ir-rikors.“*. Fil-fatt dan il-procediment baqa‘ jistemma l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet **Luke Farrugia vs l-Avukat Generali** (Rikors numru: 69/2010).

Fil-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jinghad li :-

*‘Fir-rigward tal-appellant Malcolma Mifsud tirriforma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza, dik ta’ ricettazzjoni w minnha tilliberah u minflok issibu hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament pero ghas-serq ta’ senter, cinturi u mwies izda mhux tal-van. Tikkonfermaha mill-bqija fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w cioe’ pussess ta’ arma tan-nar u munizzjoni minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll fl-ghoti tal-piena ta’ tnax (12) il-xahar prigunerija.’*.

Minn qari ta’ dik is-sentenza hu car li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma emmnitx il-verzjoni li kien ta’ Mifsud li s-senter, ic-cinturin u l-affarijiet l-ohra kien sabhom hdejn skip jew taht hajt. Fil-fatt dik il-qorti qalet li ma kienx il-kaz li jigi disturbat l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel qorti. Pero mill-aspett legali ma qablitx li Mifsud kellu jinsab hati ta’ ricettazzjoni, u fil-fehma taghha kellu jinstab hati ta’ serq. Osservat ukoll li bl-introduzzjoni tal-Artikolu 476 fil-Kodici Kriminali, qorti tista’ fuq akkuza ta’ serq f’kaz ta’ liberatorja ssib htija ta’ mizapproprijazzjoni jew

ricettazzjoni, u taghmel l-istess fl-invers. L-imsemmi provvediment jipprovdi :-

*'Jekk persuna fuq akkuza ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' xi oggett tigi misjuba hatja ta' dik l-akkuza, il-guri jista' jiddikjaraha hatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta' dan : u reciprokament, persuna fuq akkuza ta' misapproprijazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tigi ddikjarata hatja ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' l-oggett involut jekk ikun hemm provi ta' dan :*

*Izda l-piena ma ghandha f'ebda kaz tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att ta' l-akkuza.'*.

Pero f'dan il-kaz, l-Artikolu 476 tal-Kodici Kriminali ma seta' qatt isib l-applikazzjoni tieghu fl-istadju tal-appell peress li Mifsud kien gie liberat mill-imputazzjoni ta' serq mill-ewwel qorti. Peress li l-Avukat Generali ma appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-parti tas-sentenza saret gudikat. Ghalhekk Mifsud ma setax jinstab hati ta' imputazzjoni li minnha kien gie liberat meta ma sar l-ebda appell dwar din il-liberatorja. Dwar dan il-punt il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara li peress li l-Avukat Generali ma appellax mis-sentenza tal-ewwel qorti, id-decizjoni dwar l-imputazzjoni ta' serq kienet saret finali. Il-Qorti iddikjarat li dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil Farrugia mill-imputazzjoni ta' serq ***'…kienet saret wahda finali u ghaddiet in gudikat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, ghalhekk, ma setghetx terga' tiftah il-process fuq l-imputazzjoni ta' serq li l-process dwarha kien inghalaq bis-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati minghajr ma tikser il-principju ta' ne bis in idem.'***. Filwaqt li rreferiet ghall-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi : *'Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun sugget ghal kawza ohra'*, sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jissalvagwardja d-dritt ta' persuna li ma tigix processata jew kastigata ghal darbtejn ghal xi reat li jkun diga' gie finalment liberat jew misjub hati.

Inoltre, il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u Artikolu 34 tal-

Kostituzzjoni, peress li d-detenzjoni ta’ Farrugia b’riferenza ghall-ewwel imputazzjoni ma kenitx skond il-ligi ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ma setatx issibu hati ta’ reat li minnu kien gie liberat gialadarba ma sarx appell mill-Avukat Generali. Dawn il-provvedimenti jiggarantixxu d-dritt ghal-liberta’, hlief fil-kazijiet li jissemmew fl-istess provvediment. Skond l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, wiehed mill-kazijiet fejn persuna tista’ tigi pprivata mil-liberta’ hu meta d-detenzjoni tkun *‘skond il-ligi… wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti’*, filwaqt li skond l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni persuna tista’ tigi pprivata mil-liberta’ hlief kif ikun ***‘awtorizzat b’ligi’*** fil-kazijiet li jissemmew f’dan il-provvediment, fosthom *‘fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta’ qorti….’*. Mifsud, bhal Luke Farrugia, kien gie misjub ukoll hati ta’ pussess ta’ arma minghajr licenzja tal-Kummissarju. Skond l-Artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi li jipprovdi ghall-perjodu ta’ prigunerija bejn tlett xhur u sentejn ghal min jinsab fil-pussess ta’ arma tan-nar jew munizzjon minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-piena ta’ sena prigunerija nflitta fuq Mifsud kienet fir-rigward tas-sejbien ta’ htija ta’ serq u pussess ta’ arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Gialadarba Mifsud qatt ma kellu jinstab hati ta’ serq, ir-raguni wkoll tghidlek li l-piena kellha tkun inqas minn sena. Dan ovvjament ghaliex Mifsud ma kellu qatt jinghata piena fir-rigward tal-imputazzjoni ta’ serq, gialadarba kien gie liberat minnha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u l-Avukat Generali ma kienx appella minn dik il-parti tas-sentenza.

Ghal dak li hu rimedju, il-Qorti Kostituzzjonali :-

(i) Iddikjarat minghajr effett dik il-parti tas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta’ Ottubru 2010, fejn sabet lil Luke Farrugia hati tal-imputazzjoni ta’ serq ta’ senter, cinturin u affarijiet ohra.

(ii) Naqset il-perjodu ta’ sentejn prigunerija ghal sena.

Ghalkemm Mifsud ma kienx parti fil-kawza kostituzzjonali **Luke Farrugia vs l-Avukat Generali** tat-12 ta’ Lulju 2011, l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika *mutatis mutandis* wkoll ghal dan il-kaz. Hu minnu li fis-sistema legali lokali ma japplikax il-principju tal-*precedent*,

pero din il-qorti hi tal-fehma li ghandha ssegwi u tapplika r-ragunament li ghamlet l-ghola qorti.
Jirrizulta li Mifsud diga skonta l-piena ta' prigunerija ta' sena skond is-sentenza li nghatat fil-proceduri in kwistjoni.
Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011 id-difensur tieghu spjega :-
*'llum il-gurnata r-rimedju li qieghed ifittex ir-rikorrent hu wiehed monetarju peress li skonta l-perjodu ta' prigunerija mpost fuqu bis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2010 u wara s-sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2011 (69/2010) hu evident li r-rikorrent gie kundannat jaghmel perjodu ta' habs minghajr ma l-qorti irriduciet il-perjodu meta lliberatu minn wahda mill-akkuzi. Spjega wkoll li r-rikorrent u Luke Farrugia kienu ko-akkuzati. Zied jiddikjara li Malcolm Mifsud qieghed jippretendi kumpens ghall-perjodu ta' sitt xhur zejjed li jsostni li ghamel fil-habs u dan meta tqies dak li ddikjarat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija.'*.
Certament li llum il-gurnata l-ewwel talba tar-rikorrent sabiex tirriforma u tadatta piena gusta, m'hijiex iktar flokha meta tqies li r-rikorrent skonta l-piena li giet imposta fuqu bis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2010.
**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :-**
**1. Tiddikjara li bis-sentenza moghtija fil-11 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-Pulizija vs Malcolm Mifsud et gie lez id-dritt fundamentali li persuna li tkun giet misjuba hatja jew liberata ma tistax terga' tghaddi proceduri ghall-istess reat (*ne bis in idem*), kif protett fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Vjolazzjoni li sehhet meta l-Qorti tal-Appell Kriminali sabet lir-rikorrent hati tal-imputazzjoni ta' serq wara li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2009 kien gie liberat minnha u dik il-parti tas-sentenza saret gudikat.**
**2. Tiddikjara li m'ghandu jkollha l-ebda konsegwenza fuq Malcolm Mifsud dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2010 fil-kaz *Il-Pulizija omissis Malcolm Mifsud et*, fejn gie ddikjarat *'…. Issibu hati tal-ewwel***

***imputazzjoni limitatament pero’ ghas-serq ta’ senter, cinturin u mwies izda mhux tal-van.’*.**

**3. Tiddikjara ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li r-rikorrent kien ipprivat mil-liberta tieghu ghal iktar milli suppost meta tqies li l-piena ta’ sena prigunerija kienet inflitta fuqu ghar-reat ta’ serq u pussess ta’ arma u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, meta kif rajna l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellix issibu hati tar-reat ta’ serq u konsegwentement lanqas timponi piena ta’ prigunerija ghal dan ir-reat.**

**4. Tillikwida kumpens li ghandu jithallas lill-imputat fis-somma ta’ elfejn ewro (2,000).**

**Spejjez a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------